22 ta' Mejju 2018

**Stqarrija dwar ir-rata tal-inflazzjoni (HICP) għax-xahar ta' April**

B'referenza għall-editorjal bl-isem "L-għoli tal-ħajja f'żewġ verżjonijiet u fir-realtà" li deher fil-gazzetta *In-Nazzjon* nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jixtieq jikkjarifika li hija prassi normali li jsiru reviżjonijiet fl-istatistika li tkun diġà ppubblikata, li ħafna drabi tkun tiddependi minn bosta sorsi differenti ta' informazzjoni li jiġu assimilati flimkien. Rigward l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur imsejjaħ l-HICP, ir-Regolament (EU) Nru 2016/792, fl-Artiklu 7, jipprovdi għar-reviżjoni li saret mill-NSO nhar l-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2018. Hija wkoll prassi li dan it-tip ta' reviżjoni jsir malajr kemm jista' jkun.

L-HICP jinħareġ mill-Eurostat fuq bażi Ewropea, u mill-NSO fuq bażi nazzjonali, fl-istess ġurnata. Kif ġew iċ-ċirkostanzi, iċ-ċifri riveduti ntbagħtu lill-Eurostat, pero' kien hemm problema ta' ħin relatata biss mal-proċess ta' pubblikazzjoni billi r-reviżjoni saret fl-aħħar tal-ġimgħa ta' qabel. Għaldaqstant, il-Eurostat kellu joħroġ Corrigendum aktar tard fil-ġurnata, biex wera r-rata korretta ta' 1.4% kif kien ippubblikat fin-*news release* tal-NSO Nru 076/2018 tas-16 ta' Mejju.

Nibqgħu disponibbli għal kjarifiki oħrajn jekk ikun hemm bżonn.

Etienne Caruana
Aġent Direttur Ġenerali

**National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000, Malta**
t. +356 2599 7000 | f. +356 2599 7205 | e. nso@gov.mt | w. www.nso.gov.mt